**MALTA**

**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT Dr IAN FARRUGIA LL. D**

**Illum 31 ta' Awwissu 2022**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Christabelle Chetcuti )**

**Vs**

**Shahihan Shahid**

**Kum No : 412/2022**

**Il-Qorti**;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra **Shahihan Shahid** detentur ta' karta ta' l- identita bin- numru **9002036A**. Fejn gie akkuzat talli nhar l- 01 ta' Lulju 2022 ghall-habta ta' bejn 22:30hrs u 23:05hrs fi triq Andrea Debono, in-Naxxar u jew f'dawn il-gzejjer Maltin:

1. Bil-hsieb li jikkommetti serq ta' vettura ta' l-ghamla Citroen C3 bin-numru ta' registrazzjoni GBW-413 liema serq huwa aggravat bix-xorta

tal-haga misruqa, bil-hin u bil-valur li ma jiskorrix l-ammont ta' elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmi (€2,329.37c) ghad-detriment ta' James Dimech, urejt dan il-hsieb b'atti esterni u tajt bidu ghall-esekuzzjoni ta' dan id-delitt;

2. U aktar talli fl-istess data, lok u cirkostanzi volontarjament kiser l-bon-ordni jew il-kwiet tal pubbliku;

3. U aktar talli fl-istess data, lok u cirkostanzi f'lok pubbliku u miftuh ghall pubbliku kien fis-sakra b'tali mod li ma kienx kapaci jiehu hsieb tieghu innifsu jew f'lok pubbliku jew miftuh ghall- pubbliku jew waqt li kien f'dak l-istat, dejjaq nies jew ghamel storbju;

4. U aktar talli bil- lejl, kiser il- mistrieh tan- nies bi hsejjes jew ghajjat, jew b'mod iehor;

5. U aktar talli ghad li kien xurban, qal fil- pubbliku xi kliem oxen jew indicenti, jew ghamel atti jew gesti oxxeni, jew b'xi mod iehor li mhux provdut f'dan il- Kodici, offendha l- morali, l- imgieba xierqa jew id-decenza pubblika;

6. U aktar talli nhar il- 25 ta' Gunju 2022 ghall-habta ta' bejn 20:50hrs u 21:45hrs fi triq l- Imnara, n-Naxxar u jew f'dawn il-gzejjer Maltin minn gewwa vettura ta' l-ghamla Toyota Yaris bin- numru ta' registrazzjoni JCJ-367 ikkommettha serq ta' diversi oggetti ta' valur li ma jiskorrix l-ammont ta' elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmi (€2,329.37c) ghad-detriment ta' Leeanne Spiteri liema serq huwa aggravat bix-xorta tal-haga misruqa, bil-hin u bil- valur;

7. U aktar talli fl- istess data, lok u cirkostanzi hebb kontra Darren Falzon sabiex jingurjah, idejjqu jew jaghmel hsara lil din il- persuna;

8. U aktar talli fl- istess data, lok u cirkostanzi imbotta lil Darren Falzon fit- triq biex iweggghu jew jinsultah;

9. U aktar talli fl- istess data u cirkostanzi fi triq Andrea Debono, n-Naxxar ikkommettha serq ta' oggetti minn gewwa vettura ta' l-ghamla Toyota Pixis bin-numru ta' registrazzjoni FGV-502 b'valur ta' mhux izjed minn mitejn u tnejn u tletin Ewro u erbgha u disghin centezmu (€232.94), liema serq huwa ghad-dannu ta' Clifton John Muscat liema serq huwa kkwalifikat bil-hin u bi x-xorta tal-haga misruqa;

10. U aktar talli matul ix-xhur ta' Gunju u Lulju 2022 kien qed jghix hajja ta' ghazz u ta' vagabundagg fl-inhawi tal- lokalita ta' Naxxar u/jew f'dawn il- gzejjer Maltin.

Il-Qorti hija wkoll mitluba sabiex fil-kaz ta' htija, barra milli tapplika il-piena skond il-Ligi, tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti skond l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-qorti hija mitluba li f'kaz ta' htija u f'kaz li tinghata ordni ta' sentenza sospiza, t'ordna direttiva li tobbliga lill-hati li jirrestitwixxi lill-parti offiza kull haga minnu misruqa jew akkwista bi qliegh iehor kontra l-ligi, bi hsara ta' dik il-parti bi jew permezz tar-reat li dwaru jkun gie misjub hati hekk kif imsemmi fl-artikolu 28H tal-kap. 9 tal-ligijiet ta' Malta.

Semghet lill-Ufficjal Prosekutur bil-gurament;

Rat il-kunsens ta’ l-Avukat Generali tat-3 t’ Awwissu 2022 (ara folio 12);

Rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti esebiti;

Qieset id-depozizzjonijiet tax-xhieda kollha mressqa f’dawn il-proceduri;

Semghet l-ammissjoni tal-imputat fl-udjenza ta` llum stess ghall-imputazzjonijiet kif migjuba kontra tieghu, u l-insistenza f’din l-ammissjoni wara li kien inghata iz-zmien skond il-Ligi sabiex jirrikonsidra tali ammissjoni;

Qieset dak ivverbalizzat fl-udjenza ta` llum stess fejn l-imputat iddikjara li kellu bizzejjed zmien biex jerga jirrikonsidra u li fehem sewwa n-natura ta' l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u li fehem wkoll li l-ammissjoni tieghu, kif fehmitu din il-Qorti fl-udjenza, kellha ggib konsegwenzi serji fil-piena.

Qieset li nvista ta’ din d-dikjarzzjoni ta’ l-imputat, l-Ufficjal Prosekutur iddikjara li ma kellux iktar provi x’jipproduci.

Semghet is-sottomissjoniet finali dwar il-piena.

**Ikkunsidrat;**

Illi in vista ta’ din l-ammissjoni, u la darba ma hemm xejn x’jindika lil din il-Qorti li ma ghandhiex toqghod fuq tali ammissjoni, u wara li qieset sew l-atti, l-Qorti m’ghandiex triq ohra hlief li tghaddi ghad-dikjarazzjoni ta` htija skond l-ammissjoni tieghu.

**Ikkundisrat;**

Illi in tema ta’ piena din il-Qorti qed tqis, fost ohrajn, in-natura tar-reati kommessi u l-ammisjoni bikrija tal-imputat.

**KONKLUZJONI.**

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti, wara li rat l-Artikoli 17, 31, 41(1)(a)(b), 261(c)(f)(g), 270, 271(g), 279(a), 284, 285, 338(m)(w)(bb)(dd)(ff), u 339(d)(e)(l) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta’ Malta, issib lill-imputat hati, fuq ammissjoni tieghu stess, tal-imputazzjonijiet kif dedotti kontra tieghu u tikkundannah komplessivament ghall-piena ta` prigunerija ta` sena (1)

Dr Ian Farrugia LLD
Magistrat

Marica Mifsud
Deputat Registratur